MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2006

Numru 502/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Charles Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles Zammit ta’ 40 sena mwieled Pieta` nhar it-2 ta’ Awissu 1964 bin Anthony u Carmela nee` Saliba residenti Flat 1 Block 1 Bieb A Triq l-Ewkaliptus San Gwann jew 4 Casa Filippo Triq F Farrugia Zebbug detentur ta’ Karta ta’ l-Identita` Nru. 393864M gie akkuzat talli:

Nhar il-5 ta’ Gunju 2005 ghall-habta ta’ 4.00pm gewwa Triq il-Peprin San Gwann bil-hsieb li jikkometti delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u tagha bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ittanta li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Jonathan Debono min San Gwann liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volonta ta’ Zammit u dan ai terminu tal-artikoli 41, 214, 216 (1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ Jonathan Debono min San Gwann, skond kif iccertifika Dr C Mercieca MD tac-centru tas-sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-Jonathan Debono u Claudine Zammit Refalo sabiex jingurjahom, iddejaqhom, jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann hedded lill-istess Jonathan Debono u Claudine Zammit Refalo bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Claudine Zammit Refalo, Jonathan Debono u membri tal-familja taghhom sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2) (3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MTP 1 u nnutat li l-imputat Charles Zammit, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-kwistjoni bejn l-imputat u l-parte civile Jonathan Debono u Claudine Zammit Refalo illum ippacifikat ruhha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 221, 339(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Charles Zammit, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-kwistjoni bejn l-imputat u l-parte civile Jonathan Debono u Claudine Zammit Refalo illum ippacifikat ruhha, tillibera lill-istess imputat Charles Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlet (3) snin mil-lum.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Charles Zammit b’obbligazzjoni

personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' l-istess Jonathan Debono u Claudine Zammit Refalo u membri tal-familja taghhom u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment, il-Qorti qed taghti lill-imputat Charles Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------